# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 04 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 166/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 5**

**Retrams Ltd (C81153)**

**Vs**

**Deidre Maher (K.I. 59202(A))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-24 ta' Lulju 2020, permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li l-konvenuta tiġi kkundanata tħallas l-ammont ta' elf, tmien mija u

erbgħa u disgħin Ewro (€1,894) lill-istess soċjetá u dan għar-raġunijiet aħjar imfissra fl-Avviż tat-Talba. Intalbu wkoll spejjeż ta' xi ittri uffiċjali, li ġew eżebiti[1].

Ra r-Risposta għat-Talba ippreżentata fid-9 ta' Settembru 2020 fejn, il-konvenuta laqgħet għal din it-talba billi eċċepiet li ma hemm l-ebda kuntratt bejn il-partijiet u jekk hemm dan huwa lillhin mill-kompetenza tat-Tribunal, li hemm ħtieġa li tiġi ċċarata l-bażi tal-azzjoni tas-soċjetá attriċi, li l-vettura inżammet *ex gratia*, li l-kuntratt ma sarx skond id-dettami tal-artikolu 1531A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-ammont ma setax jiġi mgħolli unilateralment u li l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt[2];

Ra dak maqbul fil-verbal tat-12 ta' Ottubru 2020 fejn ġie deċiż li għandha tingħata sentenza waħda[3];

Sema' x-xhieda ta' Maria Beaney[4] u ta' Lydon Laudi[5] magħdud mad-dokumenti ppreżentati;

Sema' x-xhieda in eżami tal-konvenuta[6];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami ta' Maria Beaney u Lydon Laudi u x-xhieda tal-konvenuta[7];

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 36 *et seq.*
[3] A fol 40 tal-proċess.
[4] Seduta tad-29 ta' Ottubru 2020.
[5] *Ibid* nru. 4
[6] Seduta tal-21 ta' Jannar 2021.
[7] Dawn saru fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet[8], hekk kif kien maqbul li jsir fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel xejn, tinħass il-ħtieġa li tiġi, anke jekk b'mod sommarju, rijepilogata x-xhieda prodotta f'dawn il-proċeduri.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet waħda mid-direttriċi tas-soċjetá attriċi, Maria Beaney[9]. Din spjegat kif l-konvenuta hija ġar tagħha u li f'Lulju 2018 talbet sabiex tingħata spazju f'wieħed mill-garaxxijiet tas-soċjetá attriċi. Hija aċċettat ħlas ta' ħamsin (€50) fix-xahar u ħalliet il-vettura tagħha f'dan il-garaxx, mas-soċjetá attriċi. Ġiet eżebita korrispondenza fuq dan il-fatt. Tgħid li inizjalment l-arranġament kien sabiex il-vettura tinżamm għal xahrejn. F'xi żmien inqalat kwistjoni dwar ammont li għandu jitħallas bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Il-vettura peró baqgħet fl-istess garaxx. Tispjega li l-garaxx in kwistjoni jiġi utilizzat għal ħażna ta' diversi vetturi oħra. Tgħid lill-garaxx għandu spazju massiċċ. Tagħalq billi tispjega lill-konvenuta ma kellhiex aċċess għal dan il-garaxx u li l-konvenuta kienet taf lix-xhud kienet direttriċi f'din is-soċjetá.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll ċertu Lydon Laudi, li huwa *managing director* f ħdan is-soċjetá attriċi[10]. Spjega lis-soċjá tiegħu Maria Beany kienet spjegatlu lill-

[8] Dawn jibdew a fol 96 tal-proċess.
[9] L-eżami seħħ fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020.
[10] L-eżami seħħ fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020.

konvenuta kienet riedet tuża garaxx minn tas-soċjetá attriċi sabiex tħalli vettura mhux reġistrata u bla liċenzja. Jgħid li inizjalment l-vettura kellha tinżamm għal ftit xhur iżda damet ferm aktar. Jgħid li hu ma jafx lill-intimata iżda ltaqa' magħha biss darba meta fetaħ il-bieb tal-garaxx. Il-vettura kienet ġiet *b'tow truck*, provdut mis-soċjetá attriċi, u l-konvenuta ħallset għal dan is-servizz. Il-ftehim kien ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, taxxa fuq il-valur miżjud apparti. Dwar dan il-ftehim kien hemm deċiżjoni ma Maria Beaney. Wara xi xhur, Maria kienet imsiefra għal xi żmien u ntalab jibgħat *invoice* lill-konvenuta. Wara li bagħat din il-korrispondenza, l-konvenuta ma riditx tħallas u kienet urtata li kellu l-indirizz elettroniku tagħha. Jgħid li dak iż-żmien il-garaxx kien għaddej minn perjodu ta' *referbushiment* u dan ma setax jitlesta minħabba li kien hemm din il-vettura. Jgħid li l-konvenuta ma riditx tħallas minħabba li żdiet l-ammont ta' taxxa fuq il-valur miżjud. Sa fejn jaf hu, din kienet il-problema. Jgħid li kienet aċċettat li tħallas fi flus kontanti, u hu spjega li dan ma kienx possibbli. Il-ħlas ma sarx u wara dan kien hemm korrispondenza bejn Beaney u l-konvenuta bil-*WhatsApp*. Jispjega li l-aċċess għal garaxx kien biss f'idejn is-soċjetá attriċi u liċ-ċavetta tal-karozza kienet fil-karozza stess. Spjega li mar jagħmel rapport mal-Pulizija iżda ġie mgħarraf li din kienet kwistjoni ċivili biss. Wara ħafna żmien, peress lill-vettura baqgħet hemm, żdied l-ammont mitlub għas-servizz. Ġiet eżebita korrispondenza[11].

Illi l-konvenuta xehdet in eżami fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021[12]. Spjegat li hija saret taf bil-kumpannija meta kriet garaxx minn għandhom u dan għaliex il-ġar tagħha kienet direttriċi. Hija kellha żewġ vetturi, waħda minnhom kienet tal-ex raġel tagħha li nfurmaħa li kien ġej lura Malta sabiex jieħu pussess tagħha. Riedet issib post sabiex iżżomm il-vettura. Irranġa kollox Lydon u hija rringrazzjathom. Iċ-

[11] Eżebita a fol 50 sa 69 tal-proċess.
[12] Xhieda tibda a fol 74 tal-proċess.

ċavetta ngħatat lil Lydon u kien ġie miftiehem ma Beaney li kellha tħallas ħamsin Ewro fix-xahar. Ma kienx hemm skrittura. Wara xi seba' xhur irċeviet korrispondenza minn Lydon sabiex tħallas. Tgħid li hija pruvat tħallas kemm il-darba iżda kien hemm problema bil-VAT. Tgħid lill-vettura illum (sena 2021) tinsab ġewwa scrapyard. Ġew eżebiti numru ta' messaġġi[13].

Illi dawn it-tlett xhieda, xehdu wkoll in kontro-eżami fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021[14].

Illi Lydon Laudi spjega li sa fejn jaf hu ltaqa' mal-konvenuta darbtejn. Ma kien hemm l-ebda telefonati magħha. Wara li bagħat il-fatturi, il-konverżazzjoni mal-konvenuta kompliet aktar ma Maria Beaney. Kompliet biss *bil-WhatsApp*. Jgħid li fis-sistema tniżżlet il-kelma kera iżda din ma kinitx kera. Il-konvenuta qatt ma kriet il-garaxx. Jgħid li hu servizz ta' ħażna offra. Jgħid li fl-aħħar il-konvenuta ġiet *b'tow truck* u ħadet il-vettura. Jgħid li s-sistema tagħhom tħalli lill-klijenti jħallsu *online*, iżda l-konvenuta ma ħallsitx. Jgħid li Maria rat il-fatturi meta ġiet lura lejn Malta.

Illi Maria Beaney spjegat li inizjalment il-konvenuta riedet li tuża spazju fejn tqiegħed il-vettura. Il-konvenuta ma kellhiex ċavetta tal-garaxx. Il-konvenuta ma riditx tħallas u lanqas tneħħi l-vettura. Tgħid li l-ftehim kien verbali, għaliex hija kienet il-ġar tagħha. Imbagħad wara li ssuġġeriet li jsir kuntratt kienet il-konvenuta li ma riditx kuntratt. Tikkonferma li Lydon kien kiteb il-fatturi. Tgħid li s-sistema tagħti lista ta' dak li jista jintgħażel u din id-darba utilizzat il-kelma *rent*. Tgħid li l-arranġament kien ta' depożitu. Tgħid li l-konvenut ma riditx tmur għall-karozza

[13] Preżentati b'nota li tinsab a fol 77 tal-proċess.
[14] Dika ta' Lydon Laudi tibda a fol 85, ta' Maria Beaney *a tergo* ta' fol 88 u dik tal-konvenuta *a tergo* ta' fol 91.

għaliex qalet li Lydon bniedem vjolenti. In ri-eżami tikkonferma li l-konvenuta kienet taf li kellha tħallas għal dan is-servizz.

Illi l-konvenuta tispjega li ma kellhiex aċċess għal-garaxx jew għal-vettura u lanqas talbet għal dan. Kienet taf li l-garaxx kien tas-soċjetá attriċi. Tikkonferma li dejjem kienet taf li kellha tħallas ammont. Mistoqsija direttament mit-Tribunal tgħid li hija dejjem riedet tħallas sa' Mejju 2019 u li għada disposta li tagħmel dan. Pero imbagħad tgħid li ma ħallsitx għax ma kienx hemm arranġament. Tikkonferma li wara li ġie ppreżentat mandat hija ħadet il-karozza. Dan kien f'Jannar tas-sena 2021. Tgħid li talbet kemm il-darba li tieħu lura l-vettura.

Illi t-Tribunal sejjer issa jinvestiga l-prinċipji legali u jassimilja l-istess mal-fatti hawn fuq riprodotti.

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni – Kompetenza</u>**

Illi fl-ewwel lok imiss li dan it-Tribunal jinvestiga r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti. Dan għandu wkoll isir b'kap separat għaliex l-ewwel eċċezzjoni donnu tinklina lejn in-nuqqas ta' inkompetenza ta' dan it-Tribunal[15]. Kif ġie mgħarraf fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020[16], bi qbil, kien magħżul li tingħata sentenza waħda li tinkorpora kemm din l-eċċezzjoni u l-mertu ta' dan il-proċediment (dejjem jekk ma tiġix milqugħa l-ewwel eċċezzjoni).

Illi fin-nota ta' sottomissjoniet finali tagħha, l-konvenuta tisħaq lir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti hija waħda ta' lokazzjoni.

---

[15] Artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[16] Verbal jinsab a fol 40 tal-proċess.

Illi t-Tribunal iqis li din is-sottomissjoni hija ħażina u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi rriżulta biċ-ċar li l-pussess tal-fond, fejn tħalliet il-vettura kien fl-aċċess esklussiv tas-soċjetá attriċi[17]. Li kieku din ir-relazzjoni kienet waħda ta' lokazzjoni, allura ċertament il-konvenuta kien ikollha dritt sabiex taċċedi liberalment għal-garaxx in kwistjoni. Aktar minn hekk ukoll, irriżulta li ċ-ċwievet tal-vettura tħallew ukoll mas-soċjetá attriċi. Dan il-kuntratt jixxebbaħ ferm aktar ma dak ta' depożitu fejn l-konvenuta għażlet li tutilizza s-servizzi tas-soċjetá attriċi għal ħażna tal-vettura tagħha. F'dan il-każ, sejjer jiġi deċiż li dan kien depożitu salarjat[18] għaliex ġie miftiehem li kellu jkun hemm korrispettiv għal din il-ħażna[19]. Għalhekk is-soċjetá attriċi, f'din ir-relazzjoni għandha titqies biss bħala kustodja t'oġġett, f'dan il-każ, vettura. Dan kien l-għan prinċipali ta' dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet.

Illi huwa minnu l-konvenuta (u anke r-rappreżentanti tas-soċjetá attriċi) utilizzaw il-kelma *rent* sabiex jikkastillizaw r-relazzjoni tagħhhom, madanakollu din hija biss kelma kollokjali (popolari) u minn dak li ġie hawn fuq miktub, ċertament il-kuntratt m'huwiex wieħed klassifikabbli bħala ta' natura lokatizzja. Wara kollox, għalkemm il-kontendenti jistgħu jifhmu r-relazzjoni tagħhom bħala wieħed ta' ċertu tip, huwa

---

[17] Dawn huwa konfermat mix-xhieda ta' Lydon Laudi mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2020.
[18] Mill-artikoli 1892(1) u 1900(1)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jirriżulta ċar li depożitu jista jkun kemm gratwit u oneruż. B'aktar qawwa, u dan huwa ċentrali għal każ odjern, huma rilevanti l-artikoli 1918 u 1919 tal-istess Kodiċi.
[19] Dwar dan, wieħed huwa mistieden jara l-istudju profond li sar minn dan it-Tribunal fis-sentenzi **Gabriel Zammit vs Rabelink International Freight (Malta) Limited** (Tlb Nru: 446/2016 KCX) u **AMG Cold Stores Limited vs Barbuto Limited** (Tlb Nru: 309/2018 KCX), t-tnejn mogħtija fil-5 ta' Novembru 2020. F'din ta' l-aħħar, eċċezzjoni simili ġiet ukoll riġettata.

dejjem doveruż fuq min hu tenut jiġġudika sabiex jagħraf hu r-relazzjoni bejn il-partijiet[20].

Illi in oltre u sempliċiment sabiex ikun hemm totalitá fuq dan is-suġġett, peress lill-konvenuta tkellmet dwar dan fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, jingħad lir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, anki li kieku verament kienet waħda ta' lokazzjoni, ma ġiex redatt b'kuntratt jew skrittura ai termini tal-artikolu 1531A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk ukoll, l-ewwel eċċezzjoni, li kieku verament r-relazzjoni ġuridika kienet waħda ta' sid il-kera u inkwilina, għandha tfalli, għaliex ġialadarba ma sarx kuntratt *ad validiatem* wieħed ma jistax jitkellem dwar kirja[21]. Dan peró, li kieku, xorta ma jfissirx li din l-azzjoni hija ħażina[22].

---

[20] F'dan is-sens, issir referenza *inter alia* għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo *sive* Scerri et vs Joseph Sammut et**, (Ċit Nru: 224/2006 RCP), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-26 ta' Ġunju 2012. F'dik il-kawża, għalkemm l-atturi ddikjaraw l-artikolu 992 bħala l-bażi tal-azzjoni tagħhom, qalet hekk: *"Izda hu principju sew maghruf illi iura novit curia u, allura, l-konoxxenza u l-effett tal-ligi hi awtomatikament imputata lil min ghandu jiggudika u allura din il-Qorti thoss li jirrizulta li l-azzjoni attrici hija naxxenti minn kuntratt ta' bejgh bejn l-atturi u l-konvenuti u allura necessarjament trid thares lejn id-disposizzjonijiet legali elenkati fit-Tieni Ktieb, Taqsima II, that it-Titolu VI "Fuq il-Bejgh", Sub-Titolu IV "Fuq l-Obbligi tal-Bejjiegh" (artikolu 1378 sa artikolu 1432). Ir-raguni wara dan hija naturali. L-atturi bhala kompraturi qed iressqu din ilkawza kontra l-konvenuti bhala vendituri u qed jillamentaw mill-haga lilu mibjugha. Ghalhekk, il-vinkolu ġuridiku passabbli bejniethom hi ta' kumpratur-venditur, u ghalehkk din il-Qorti qed taghmel riferenza ghall-istitut ta' xiri u bejgh kontemplat fl-istess Kodici Civili."*

[21] Dwar dan il-punt, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal minn dan it-Tribunal fis-sentenza riċenti fl-ismijiet **Tammy Briffa Vs Mohsen el Gazzar (Tlb Nru: 170/2019 JG)** mogħtija nhar is-16 ta' Settembru 2021.

[22] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Epifanio Azzopardi vs Alberto Decelis (Rik Ġur Nru: 57/17)**, mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' April 2019 per Onor. Imħallef Grazio Mercieca wara li dak il-proċess ġie trażmess lilha mill-Bord Li Jirregola l-Kera fejn intqal hekk: *"Għalkemm il-kirja kienet nulla, ma hemm xejn fil-liġi li jżomm lir-rikorrent milli jitlob ilħlas ta' dawn il-flus, anke abbażi tal-prinċipju tal-arrikkiment inġust, sekolarment elaborat mid-dottrina u l-ġurisprudenza estera u lokali u magħruf mil-leġislatur permezz tal-artikli 1028A u 1028B tal-Kodiċi Ċivili miżjudin b'Att VIII tas-sena 2007. Azzjoni disponibbli meta min sofra t-telf ma jistax juża azzjoni oħra sabiex jagħmel tajjeb għad-dannu (Art. 1028B). L-Imħallef A. V. Camilleri, sedenti f'din il-Qorti in re: Vincent Parnis v Av.Dr. Giuseppe Vella kiteb li "wieħed mill-modi kif jista' jsir dan arrikkiment huwa dak li jitnissel minn negozju ġuridiku ntervenut bejn iddanneġġjat u l-arrikkit, li skond il-liġi huwa null, u, kwindi, ma titwieledx azzjoni" u jagħti*

Illi b'hekk l-ewwel eċċezzjoni m'għandhiex mis-sewwa u għalhekk qiegħda tiġi riġettata għaliex żbaljata. Fl-istess waqt it-Tribunal qiegħed jiddikjara ruħu kompetenti u sejjer jissokta sabiex jeżamina l-mertu.

**<u>Mertu u eċċezzjonijiet rimanenti.</u>**

Illi fil-mertu, mill-provi, dokumenti u xhieda, jirriżulta lit-talba hija waħda fondata u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi fl-ewwel lok, u dan fir-rigward tar-raba´eċċezzjoni, irriżulta ċar mix-xhieda tal-konvenuta stess li għal darba darbtejn tikkonferma li kellu jitħallas ammont, li dan ma kienx ftehim ta' depożitu gratwit. Għalhekk din l-eċċezzjoni, u ċioé li dan kien ftehim fuq bażi *ex gratia* qiegħda tiġi mwarrba.

Illi dwar il-ħames eċċezzjoni, u allura dwar dak li jrid l-artikolu 1531A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal meta kien qiegħed jittratta dwar il-kompetenza tiegħu diġa tkellem dwar dan. Għal-istess raġunijiet din l-eċċezzjoni hija wkoll ħażina.

Illi mill-bqija t-Tribunal josserva dan li ġej.

---

*għadd ta' eżempji, fosthom l-Artikolu 1197 (illum 1154) tal-Kodiċi Ċivili: "Ma jiswiex il-ħlas magħmul lill-kreditur jekk dan ma kienx kapaċi li jirċevih, ħlief jekk id-debitur jipprova illi l-ħaġa mħallsa marret għall-vantaġġ tal-kreditur" u l-Artiklu 1265 (illum 1221): "Meta l-minuri jew l-interdetti jistgħu jitolbu r-rexissjoni tal-obbligazzjonijiet tagħhom minħabba li mhumiex persuni kapaċi, ma jistax jintalab lura dak li jkun tħallas lilhom… ħlief għas-somma li dak il-ħlas ikun safa ta' vantaġġ lilhom". Fil-każ preżenti, għalkemm l-obbligazzjoni tar-rimborż tal-kontijiet tad-dawl u ilma tiskatta minn kuntratt ta' kera null, xorta waħda l-ekwita` - bażi tal-azzjoni sussidjarja tal-arrikkiment inġust – titlob li l-attur jiġi kkumpensat tagħhom, ġaladarba gawdihom il-konvenut;*

Illi jirriżulta bil-wisq ċar li, l-konvenuta, wara li ħadet is-servizz, anzi wara li inizjalment kienet talbet li żżomm il-vettura għal ftit xhur, żammet il-vettura fil-post ferm aktar twil għar-raġunijiet mhux magħrufa. Jirriżulta ċar peró li l-ewwel darba li kellha xi forma ta' komunikazzjoni mas-soċjetá attriċi wara li ħalliet il-vettura hemm, kien biss wara li ġiet rinfaċċjata bil-fatturi. Għal dan it-Tribunal id-difiża tal-konvenuta f'dawn il-proċeduri ftit jagħmel sens. F'nifs wieħed tgħid li ma kellha ebda obbligu tħallas u fl-istess waqt tirrikonoxxi forma ta' debitu.

Illi fuq dan l-aħħar punt, ix-xhieda tagħha in kontro-eżami u kif ukoll fuq mistoqsija diretta ta' dan it-Tribunal għandha u qiegħda titqies bħala ammissjoni. Aktar minn hekk, fil-korrispondenza fornuta, jirriżulta ċar li hija kienet lesta tħallas parti mill-ammont. Dak li donnha tippretendi l-konvenuta huwa li ma tħallasx it-taxxa fuq il-valur miżjud.

Illi t-Tribunal ftit jista jifhem kif il-konvenuta trid li dan it-Tribunal jagħti effett għal transazzjoni mingħajr rigward tal-liġijiet fiskali. Dwar dan, it-Tribunal m'huwiex sejjer jikkumenta aktar, iżda jgħid sempliċiment li huwa bil-wisq ovvju li l-ftehim oriġinali kien ukoll jinkludi ħlas ta' dan it-tip. Ċertament, il-konvenuta m'għandhiex tippretendi li dan ma jitħallasx minnha.

Illi mill-*iter* sħiħ jirriżulta li l-konvenuta ġabet kull skuża sabiex ma tħallasx. Waslet ukoll tgħid li Lydon huwa bniedem vjolenti, meta bid-dovut rispett ma hemm xejn fl-atti li jindika dan. Lanqas biss issemma dan il-punt fix-xhieda tagħha. Għal dan it-Tribunal, il-konvenuta ftit tista titwemmen. Ukoll, ma nġabet l-ebda prova dwar xi negliġenza fis-servizz offrut lilha. Ma hemm l-ebda skużanti legali li jista jwassal sabiex ma jsirx il-ħlas.

Illi dan it-Tribunal isib li minħabba żżamma wara żmien miftiehem, u dan mhux biss ta' ftit ġranet, l-konvenuta għandha tħallas spejjeż lejn is-soċjetá attriċi, li anke tilfet l-użu ta' dan l-ispazju għal xogħol ieħor. Għal dan id-dewmien, taħti biss il-konvenuta. Ma nġabet l-ebda prova li salv għal fatt lis-soċjetá attriċi riedet titħallas għas-servizz, żammet il-vettura hi b'mod negliġenti jew ċensurabbli. Għalhekk, sa ċertu punt, s-soċjetá attriċi setgħet taġixxi bil-mod kif għamlet ai termini tal-artikolu 1919 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[23].

Illi l-obbligu tal-ħlas jaqa' fuq il-konvenuta. L-istess jingħad dwar il-kambjament fir-rata ġialadarba hija taħti għad-dewmien. Wara kollox permezz ta' ittra uffiċjali datata 28 ta' Frar 2020, l-konvenuta ġiet interpellata għal darba oħra biex tħallas u infurmata biż-żieda[24]. Ma tistax tippretendi l-konvenuta li tibqa passiva u ma ssofrix riżultanzi minħabba f'hekk. Dan it-Tribunal, munit kif inhu bil-fakoltá ekwitattiva, lest jaċċetta wkoll din ir-rata (li hija waħda raġonevoli) bħala dovuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-soċjetá attriċi u konsegwentement, jiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjetá attriċi fl-ammont ta' elf, tmien mija u erbgħa u disgħin Ewro (€1,894) u jordna lill-konvenuta tħallas dan l-ammont, bl-imgħax legali iżda biss fuq l-ammont ta' elf, sitt mija u

[23] Dwar dan, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Dominic Palmier vs Michael Falzon,</u>** (Ċit Nru 434/2003 GCD) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-13 ta' Marzu 2009 (mhux appellata).

[24] Ittra tinsab a fol 16 tal-proċess u jidher li ġiet debitament notifikata lill-konvenuta mit-timbru a fol 17.

erbgħa u għoxrin Ewro (€1,624)[25] mill-21 ta' Frar 2020[26] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali bin-numri 429/2020, 537/2020 u 788/2020, jitħallsu mill-konvenuta[27].

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[25] Dan qiegħed deċiż hekk minħabba li l-ammont mitlub jinkludi wkoll t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dan ta' l-aħħar, li skond il-fatturi huwa ammontanti għal €270 huwa import ta' natura fiskali li ma jistax jattira imgħaxijiet favur is-soċjetá attriċi. L-istess peró ma jistax jingħad għal dak li jikkonċerna l-ammont diġa imniżżel bħala imgħax fuq *late payments* u dan a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[26] Din hija d-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif indikat mit-timbru a fol 10 tal-proċess.
[27] L-ittri huma kollha eżebiti u jikkonċernaw l-fatti ta' dawn il-proċeduri.